# Traduzzjonijiet minn Dante bil-Malti

Dante Alighieri, l-ogħla fost il-poeti Taljani u wieħed mill-kwiekeb li l-aktar jiddu fis-sema letterarju tad-dinja, ma hux magħruf kemm imissu jkun mill-qarrejja tal-Malti; u bil-qarrejja tal-Malti rrid infisser il-kotra tal-poplu li jaqra bil-lsien tagħna biss. Ħafna minn dawn jafu x'irodd Shakespeare, oħrajn għandhom xi ħjiel tal-ġrajja ta' 'Faust' ta' Goethe, u hemm saħansitra min jaf b'Virġilju u b'Omeru, iżda ftit wisq jinsabu li jafu sewwa x'isarraf Dante.

Il-kotra tal-qarrejja tagħna żżomm lil Dante bħala bniedem għaref bla tarf li kiteb biċċa xogħol hekk tal-għaġeb li tisboq is-setgħa ta' moħħ il-bniedem; fi ftit kliem, il-kotra tagħna jidhrilha li għalxejn taqra 'l Dante għax hi ma tistax tifhmu; fil-moħħ ta' dawn in-nies, Dante huwa bħal dik il-ħaġra prezzjuża li huma jgħożżuha ħafna, imma ma jafux kemm tiswa u għax tiswa.

Madankollu, mhux il-kotra tagħna biss li taħseb hekk fuq Dante; dan il-poeta, fost l-aqwa poeti tad-dinja, huwa aktarx l-inqas li hu magħruf mill-kotra ta' barra pajjiżu. Id-"Divina Commedia" tiegħu baqgħet għal xi fergħa ta' nies għorrief, jew biex niftiehmu aħjar, għall-*intelligentia*, u qatt ma kienet imxerrda fost il-poplu. Dik l-opra ta' għerf u ta' qawwa liema bħalha, li ssaħħar u thenni lil min jaqraha, li tiftaħ il-moħħ u tkattar id-dehen, mhux ta' b'xejn li tissejjaħ "divina" għax fiha, mill-bidu sat-tmiem, il-qarrej iħoss bħal ġibda mqaddsa li tgħollih lejn il-kobor u s-setgħa ta' Alla l-Imbierek, u għalhekk Charles Hillebrand qal li dak il-poema ta' Dante huwa *"l'épopée nationale par excellence de la chrétientè entière."*

Dante kiteb aktarx għar-ruħ milli għall-qalb, aktarx għad-dehen milli għall-moħħ ta' min jaqra ; il-kitba tiegħu tħaddan l-ispirtu u mhux il-materja. Fid-"Divina Commedia" l-fantasija tal-poeta donnha tagħti xejra biex teħles mix-xkiel tal-ġisem u mbagħad, merfugħa fuq il-ġwienaħ ta' Kallijope, tmur timraħ qalb il-ħolqien mostur għal għajnejn il-bnedmin ta' din id-dinja; u tinżel sa qiegħ l-Infern tirtogħod bit-tbatijiet ħorox li tara hemmhekk u tgħaddi għall-Purgatorju tibki u tagħder l-erwieħ jissaffu fin-nar tat-tama u fl-aħħar titla' fil-hena tal-ġenna fejn titgħammex bid-dawl u d-dija tal-Ħallieq imdawwar bil-Qaddisin Tiegħu.

Fit-titjira tal-fantasija tiegħu mill-qiegħ ta' l-Infern salgħoli tal-Ġenna, il-poeta donnu jrid ifisser il-ġibda spiritwali li

ruħ il-bniedem iġġarrab biex teħles mit-toqol tal-ħajja u biex tinħall mix-xkiel tal-ġisem, u hekk tkun tista' togħla 'l fuq, dejjem 'il fuq, fejn dlonk tistedinha s-sejħa ta' Min ħalaqha. Kif qal tajjeb Pietro Fraticelli, Dante fix-xogħol tiegħu ried igħallem *"la scienza delle cose divine, che può sola distaccar l'uomo da questa terra ed al cielo innalzarlo."*

Mela, id-"Divina Commedia" mhux ktieb li tista' tifhmu bla ma tħaddem id-dehen ta' moħħok, ħaġa li aktarx ma jafux jagħmlu dawk li ma għandhomx xi ftit tal-kultura, u għalhekk din l-opra ta' Dante baqgħet u tibqa' l-ktieb ta' min tgħallem u ta' min jaf biss. Dan il-ktieb mhux miktub għall-ġrajja biss, iżda għat-tagħlima li fih, u aħna nafu li l-kotra iżjed tħobb taqra l-istorja u tinġibed wara l-ġrajja tar-rakkont u mhux wara l-morali tar-rakkont.

Poeti oħra kitbu fuq il-filosofija tal-ħajja, iżda Dante għanna fuq l-ispirtu tal-ħajja, jiġifieri, filwaqt li oħrajn urew it-tiġrib tal-ħajja, hu żamm fuq is-sejħa tar-ruħ. *"The soul of man is the professed subject of his song"* qal il-Professur Gardner ta' l-Università ta' Manchester. Issa billi ma' tul is-snin kulħadd ikun għadda minn xi tiġrib tal-ħajja, imma ftit huma li joqogħdu jisimgħu s-sejħa tar-ruħ, għalhekk dawk li jissaħħru wara Dante qatt ma huma ta' għadd hekk kbir daqs dawk li jħobbu jaqraw poeti oħra.

Aktarx li minħabba f'hekk ix-xogħol ta' Dante ma kienx maqlub f'ilsna barranin daqskemm kienu maqlubin kotba ta' awturi oħra. B'daqshekk ma rridx infisser li d-"Divina Commedia" ma tantx inqalbet f'ilsna oħra mit-Taljan, għax dik l-opra tal-għaġeb tista' tgħid li kienet maqluba fl-ilsna kollha tad-dinja, biss traduzzjoni tad-"Divina Commedia" ma tinqarax hekk bil-ħatfa daqskemm tinqara traduzzjoni, ngħidu aħna, ta' Dumas.

Fuq kollox, mhux kulħadd jista' jindaħal biex jaqleb bi lsien ieħor il-ktieb ta' l-Alighieri; min jagħmel dan jeħtieġlu jkun poeta fil-lsien ta' pajjiżu, kif ukoll irid ikun mgħallem mill-aqwa tal-lsien ta' Dante, għax it-traduzzjonijiet ta' Dante ma jistgħux isiru minn nies ta' nofs sengħa, imma minn nies li huma mgħallmin tassew.

Id-"Divina Commedia" nqalbet f'għadd kbir ta' ilsna w ukoll fl-ilsien tagħna l-Malti għandna xi bċejjeċ minnha, iżda sal-lum għad ma kellna l-ebda poeta Malti li ndaħal bil-ħrara ta' qalbu kollha biex jaqleb fi lsienna xi bċejjeċ twal sewwa ta' dik l-opra u hekk ikun jista' juri u jfisser bil-Malti l-ġmiel li jsaħħar u l-qawwa tal-ħsieb li hemm maħżuna f'dik l-opra tal-għaġeb.

Billi fostna l-Maltin kull min tgħallem xi ħaġa aktarx issibu jaf bit-Taljan, il-ħtieġa li jkollna d-"Divina Commedia" fl-ilsien

tagħna ma tantx tinħass wisq, għax dawk li jafu bit-Taljan jaqraw l-opra ta' Dante kif kitibha hu. Barra dan, aħna nafu kif sa ftit taż-żmien ilu l-ilsien Malti kien imżeblaħ u mmaqdar minn ħafna mill-għorrief tagħna. Bosta minn dawk li setgħu jaqilbu d-"Divina Commedia" fil-Malti kienu jaħsbu li dan l-ilsien hu hekk fqir, li bih wieħed ma jistax ifisser ħsebijiet għoljin u għana li jgħaxxaq, bħal dawk li jinsabu fil-ktieb ta' Dante. Ħaġa oħra li setgħet għenet biex ma jsirux traduzzjonijiet tad-"Divina Commedia" fil-lsien Malti, kienet il-fehma ta' xi wħud li billi dak il-ktieb isemmi fuq Papiet, Kardinali u Isqfijiet, kif ukoll fuq Qaddisin u Erwieħ mitlufa, dan ma kienx igħodd għal idejn kulħadd, l-aktar għal idejn dawk li minħabba xi nuqqas ta' tagħlim setgħu jagħtu tifsir ħażin ta' dak li jsibu miktub.

* * *

Richard Taylor kien l-ewwel fost il-poeti Maltin li qaleb 'il Dante fil-lsien tagħna u lilu jistħoqq kull tifħir talli, qabel kull kittieb ieħor tagħna, hu kellu l-ħila jindaħal għal xogħol iebes bħal dan. Fl-1864 ħareġ "Il-Konti Ugolinu" traduzzjoni bil-Malti tal-Kant XXXIII ta' l-Infern tad-"Divina Commedia." Dik il-biċċa xogħol imfassla f'versi kwinarji doppji miżżewġin u miktuba b'reqqa kbira, irnexxietlu tajba ħafna; fost it-traduzzjonijiet ta' Dante li saru bil-Malti, din ta'Taylor aktax li hi l-aħjar waħda; għas-sengħa tal-versi, għat-tqegħid tal-kliem, għall-ġmiel tal-ħsieb, dan ix-xogħol ta' Taylor sebaq lil xogħlijiet bħalu li saru warajh.

Taylor kien poeta ħlejju u tas-sengħa, ix-xogħol tiegħu ma jintesa qatt fil-letteratura Maltija, hu kellu ħeġġa kbira biex iħaddem l-ilsien tagħna u kien wieħed minn ta' l-ewwel li wera bid-dieher il-qawwa tal-lsien Malti fil-poezija; l-aħjar żewġ xogħlijiet tiegħu huma "L-Iskoll tal-Bniedem" u "Ktieb is-Salmi"; imma fost il-ħafna xogħlijiet oħra li ħallielna Taylor, dan il-Kant XXXIII ta' l-Infern tad-"Divina Commedia" jiena nqisu mill-aħjar li huwa qatt kiteb; fih qawwa li triegħed u mfisser bi kliem li jwaħħax u jixbah wisq lill-kliem li nqeda bih il-Poeta Taljan. Wieħed iħoss tkexkixa meta jaqra fuq il-mewt bil-ġuħ ta' missier u tliet uliedu f'dawn iż-żewġ strofi:—

Hekk kif tilmaħni quddiemek qiegħed
Hekk rajt lit-tlieta, hemm wieħed wieħed,
Jaqgħu quddiemi mejta bla kliem,
Sew bejn il-ħames u s-sitt ijiem.
Hemm jien bħal agħma nixxejjer fuqhom,
Jumejn seħtilhom, imma ħarġet ruħhom..."

Biex wieħed jagħraf il-ħedla li taqa' f'qalb il-bniedem meta jaqta' jiesu u jitlef kull tama ta' ħelsien, jaqra dawn il-versi li jbikku u fl-istess ħin jara kemm jaqblu ma' l-oriġinal :—

*"Ed io sentii chiavar l'uscio di sotto*
*All'orribile torre; ond'io guardai*
*Nel viso a miei figliuol senza far motto.*
*Io non piangeva; si dentro impetrai:*
*Piangevan elli; ed Anselmuccio mio*
*Disse: Tu guardi si, padre, che hai?"*

"U smajt jissammar b'wisq taħbit
Il-bieb tat-torri, li jġib tregħid;
U ħarist ħarsa għal darba tnejn
Lejn wiċċ uliedi bla tkellimt xejn;
Jien ma bkejt, hekka, ibbist minn ġewwa.
Huma li lefqu u bkew tas-sewwa.
U Anselmu tiegħi, qal bit-tnehid:
Missier, int tħares, xi ġralek, għid?"

Din it-traduzzjoni bil-Malti tal-Konti Ugolino tista' toqgħod fil-wisa' ma' ġenb kull traduzzjoni f'ilsna oħra; u kienet tkun rebħa kbira għal-lsien tagħna kieku Taylor qaleb għall-Malti xi Kanti oħra mid-"Divina Commedia" għax, fost dawk li qalbu mix-xogħol ta' Dante fil-Malti, hu l-aktar li resaq lejn il-ħsieb ta' dak il-kbir poeta.

Ħamsa u tletin sena wara, dak l-istess kant XXXIII ta' l-Infern raġa' nqaleb fi proża Maltija minn Ġanni Sapiano Lanzon. Dan il-kittieb Malti milli jidher kellu ġibda għad-"Divina Commedia" u dam żmien twil iħabbel moħħu fuqha; beda biex, bħalma għidna, fl-1899 ħareġ il-"Konti Ugolino" proża u dan aktarx għamlu biex jagħraf x'kienet il-fehma tal-poplu dwar il-qlib tad-"Divina Commedia" fi proża Maltija. Milli jidher dan ix-xogħol tiegħu ngħoġob, għax imbagħad is-Sur Sapiano Lanzon indaħal biex qaleb bil-Malti l-Infern kollu tad-"Divina Commedia" li huwa ħareġ fl-1905.

Wara dan ix-xogħol proża, Sapiano Lanzon indaħal għal xogħol ta' reqqa akbar u fl-1913 ħareġ il-"Ħames Kant ta' l-Infern" magħmul bil-Malti f'versi kwinarji doppji.

Ġanni Sapiano Lanzon fi żmienu kien magħdud bħala kittieb mhux ħażin, hu ħalla bosta xogħlijiet proża u poeżija, l-aqwa ktieb tiegħu naħseb li hu l-"Ispiżjar ta' Ħal-Lija," rumanz umoristiku li bħalu ftit għandna fil-letteratura tagħna. Sapiano Lanzon kellu stil ċar, mexxej, ħafif, jinqara bla tqanżiħ u ma jdejjaqx. "Il-Ħames Kant" miktub mhux ħażin u jagħti lemħa tajba ta' dak li kellu f'moħħu Dante.

L-opri kollha jitilfu mill-qawwa tagħhom meta jinqalbu minn ilsien għal ieħor, u wisq iżjed jintfew jekk minn poeżija jinqalbu fi proża, imma x-xogħol ta' Sapiano Lanzon fih ħajja u ħeġġa ta' min ifaħħarhom u fuq kollox ma jitbigħedx wisq mill-oriġinal Taljan. Aqraw iċ-ċanfira li jagħti lin-nies ta' Ġenova fl-aħħar tal-Kant XXXIII ta' l-Infern :—

*"Ahi Genovesi, uomini diversi*
*D'ogni costume, e pien d'ogni magagna,*
*Perchè non siete voi del mondo spersi?"*

"Ja Ġinwiżi, nies xort'oħra minn ta' kull pajjiż u mimlija b'kull qerq, għaliex m'intomx imxerrda mad-dinja? "

Sapiano Lanzon kiteb ukoll ħafna poeżiji, aktarx taqbil ħafif u mexxej, bla tlellix u bla tirqim, imma fil-"Ħames Kant" għola ġmielu u wera bħal xrar u ħeġġa li jitnisslu biss minn moħħ il-poeti. Aktarx li fost il-poeżiji tiegħu kollha, il-"Ħames Kant" jistħoqqlu rokna fil-letteratura Maltija għax fih bċejjeċ li jolqtu b'saħħa kbira lil min jaqra u oħrajn iġibu xbiha ħajja quddiem għajnejn il-qarrej. Aqraw kif f'erba' kelmiet il-poeta jurina 'l Pawlu jbus bil-biża' u bil-moħbi lil Franġiska:-

"......qlubna fis xegħlu,
U dan li minni qatt ma tbiegħed
Bewsa fuq fommi b'tant rogħda qiegħed."

Dan il-Ħames Kant ta' l-Infern bil-Malti kien milqugħ tajjeb, u ħafna mill-gazzetti semmewh u faħħruh. "Il-Ħabib", ġurnal bil-għaqal, fil-5 ta' Awissu, 1913, ħabbru bħala "xogħol qalil u ta' reqqa li rnexxa tajjeb." "Is-Salib", fid-9 ta' Awissu, 1913, qal li l-ktieb tas-Sur Ġ. Sapiano Lanzon "huwa biċċa xogħol mill-isbaħ" u "Il-Patriota" tas-16 ta' Awissu, 1913 deherlu li "*Sapiano Lanzon, con una fedeltà scrupolosa, superò l'ostacolo, che molti non l'avrebbero superato*", fil-waqt li "Il-Bandiera tal-Maltin" tat-30 ta' Awissu ta' dik is-sena irrakkmandat dik "il-biċċa xogħol sabiħa lil dawk kollha li jixtiequ jtiegħmu sewwa l-vrus tal-kbir poeta Taljan".

Fl-1913 ukoll nafu li bdiet toħroġ [traduzzjoni fi proża Maltija tad-"Divina Commedia" mill-Istamperija ta' Giovanni Bartolo Triq Santa Luċija, il-Belt, u laħqu ħarġu xi faxxiklu jew tnejn; imma ma nafux min kien qiegħed jagħmel it-traduzzjoni, u baqgħu ma ħarġux ħlief dawk l-ewwel żewġ naqriet ta' bla siwi.

Dik il-ħabta, fost il-kittieba, kif ukoll fost il-qarreja tal-Malti, donnu kien hawn bħal ħajra għal Dante; imma jkollna nistqarru li t-traduzzjonijiet li saru f'dak iż-żmien baqgħu lura

wisq u ma fihom l-ebda xejra, jew għallanqas sura ta' sengħa letterarja. Fl-1905, Alfredu E. Borg, dak li qaleb bil-Malti ħafna kotba ta' Karolina Invernizio, beda joħroġ id-"Divina Commedia" bl-ilsien tagħna, imma mbagħad ma nafux għaliex ma ssoktax u t-traduzzjoni tiegħu kienet mitmuma minn Arturo Caruana, kittieb ieħor Malti li l-kotba tiegħu ma jingħaddux.

Kittieb ieħor Malti li ħabb lil Dante kien Salv. Frendo De Mannarino; dan fl-1907 qaleb fl-ilsien tagħna u ħareġ il-*Credo* ta' Dante taħt l-isem ta' "Att tal-Fidi ta' Dante Alighieri". Il-*Credo* ta' Dante fih 86 terzina b'258 vers ta' ħdax-il sillaba l-wieħed; f'dawk it-terzini tal-għaġeb, il-kbir poeta Taljan jiġbor it-twemmin tan-nisrani u t-tagħlim tal-Knisja.

Frendo De Mannarino kien poeta tajjeb ta' l-ilsien tagħna u mhux magħruf kemm jistħoqqlu fil-letteratura Maltija; l-aqwa xogħol tiegħu huwa "Tobija" miktub taħt għamla ta' poema erojku, f'disa' kanti ta' wieħed u tletin strofa kull kant; il-poeżija tiegħu hi maħsuba tajjeb, fiha ħeġġa u mirquma kif imiss; il-poeta jidher li kellu s-sabar u l-ħila biex jagħżel kliem milqut ħalli juri l-ħsieb tal-moħħ u t-tqanqil tal-qalb; biss il-kitba tiegħu kultant tidher tqila u mġebbda.

It-traduzzjoni tal-*Credo* hi biċċa xogħol iebsa, imma Frendo De Mannarino għaraf isib kliem għoli li jixraq lill-argument u fl-istess ħin li jifhmu kulħadd. L-awtur kif kien qal Ġużè Muscat Azzopardi, "għaraf jaqsam il-versi b'ħeġġa hekk kbira, li minn xi daqqiet inqas ma jinħassu r-rimi."

Il-"Credo" ingħoġob u mexa ġmielu hekk li wara sentejn reġgħet ħarġet it-tieni edizzjoni tiegħu.

Wara li ra li xogħlu ngħoġob, Frendo De Mannarino għamel il-qalb u ħaseb biex jaqleb għall-Malti d-"Divina Commedia" kollha u kien beda għaldaqshekk il-ħidma tiegħu, iżda milli jidher dan ix-xogħol indaħal għalih b'għaġla kbira u mingħajr id-dehwa li kien jeħtieġ, għax "L-ewwel Kant ta' l-Infern", dak biss li laħaq ħareġ fi "Il-Bandiera tal-Maltin", ma għandu x'jaqsam xejn mal-*Credo*. Dan "L-ewwel Kant ta' l-Infern" miktub versi maħlulin, ebsin, imqanżħin, imġebbdin, bla ħeġġa, u bla ħajra, ma fih xejn li jqanqal il-qlub jew għall-anqas li jagħtih sura letterarja.

Fl-aħħar ma rridx ninsa nsemmi li Ġużè Muscat Azzopardi, kittieb u poeta mill-aqwa ta' Malta, kien ukoll qata' warda ċkejkna mill-ġnien ta' Dante; hu qaleb għall-Malti l-istrofa 127 tal-XXV Kant tal-"Ġenna", imma dik l-istrofa hi xrara li turi n-nar li jħeġġeġ f'qalb il-Poeta; hi tifħira lil Kristu u lil Ommu Mqaddsa. Isimgħuha :—

Bil-ġisem tagħhom, hawn, ġo sebħ il-Ġenna
Ma jinsabux ħlief iż-żewġ Xmux li telgħu;
U dan minnek lid-dinja rrid jittenna." *

* * *

Dawn huma l-kittieba Maltin li qalbu 'l Dante fil-Malti. kollha kienu mqanqlin minn ħsieb wieħed, li juru f'ilsienna l-ġmiel tal-għaġeb u l-benna li ħarġu minn moħħ dak il-kbir poeta Taljan; huma ħadmu b'ħilthom kollha biex dak li kiteb Dante jaqilbuh f'sura li ma tagħmillux għajb filwaqt li jagħmlu ġieħ lill-ilsien tagħna l-Malti.

Inħallu 'l Muscat Azzopardi; fost l-oħrajn dak li l-aktar għola kien Taylor, li l-"Konti Ugolino" tiegħu jista' jingħad bħala kewkba fis-sema letterarju Malti. Il-*Credo* ta' Frendo De Mannarino jsaħħar ruħ in-nisrani, jerfagħlu dehnu lejn is-Smewwiet u jħeġġiġlu qalbu bl-imħabba ta' Alla; ftit huma t-talbiet li jqanqlu l-qlub daqs dik magħmula lis-Sultan tas-Sema fl-istrofi 79 u 80; isimgħuhom:

"Sultan tas-Sema u l-art, bil-barka tiegħek
hejjina, immela; lejk iġbed għajnejna;
bil-qawwa li ma bħalha minn ta' driegħek,
il-għadu, nitolbuk, biegħed minn ħdejna,
u ħsebijietna żomm għal dejjem miegħek."

Ġanni Sapiano Lanzon ma jistax jingħad poeta kbir, imma l-ħidma tiegħu hi ta' min ifaħħarha għax swiet mhux ftit biex ressqet lil Dante lejn il-poplu tagħna, u l-"Ħames Kant" tiegħu fih bħal fewġa ħelwa li thenni u tferraħ lill-qarrej. Borg u Caruana kellhom ħafna qarrejja.

* * *

Ix-xewqa tagħna hija li xi wħud mill-poeti tajba li għandna l-lum jitħajru jindaħlu b'rieda qawwija biex jaqilbu 'l Dante fil-Malti, jekk jagħmlu hekk, barra li jkunu jweġġgħu l-ilsien tagħna, huma jiksbu għalihom infushom isem li ma jmut qatt fil-letteratura Maltija; it-tama tagħna hi li xi wħud mill-Istudenti tal-lum, kif inhuma mixgħulin bil-ħrara u l-ħeġġa għal-Isien Malti u mmexxijin hekk bil-għaqal mill-Professur ta' dan l-ilsien, għad jaslu biex jagħtu sura Maltija kif imiss lix-xogħol ta' Dante. Jalla !

Ġużè Galea.

(*) Stampata fil-"Maħbub ta' Ġesù," 1908.